**159. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KIRI TA' SIT F'ST ANDREWS LIL ĦAL FERĦ HOLIDAY COMPANY LTD**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lil Ħal Ferh Holiday Company Ltd. is-sit St Andrew's deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikalu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalkemm huwa b'dan riżolut li s-sit f'St Andrew's jista' jiġi mogħti lill-imsemmija Kumpannija, Ħal Ferħ Holiday Company Ltd., għaż-żmien għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

12.01.1979